TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 114

KAZ NRU. 142

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur John Dimech
u
Messrs Speedy-Rent-A-Car Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 12 ta' Frar 1982

Chairman : C. Rowe

B'ittra tat-3 ta' Lulju 1981, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali rreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) tal-Att Nru. XXX tal-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm tmien seduti biex jinstema' l-kaz li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Richard A. Matrenza, Dip. Pol. Econ. (Oxon.) F.R. Econ.S. Ghall-Speedy-Rent-A-Car Ltd. deher is-Sur Constantino Balzan, wiehed mid-Diretturi li kien assistit mis-Sur Frederick Amato Gauci; konsulent mal-Management Advisory Services Ltd.

3. Statement of Case

Ghall-appellant. Is-Sur Matrenza qal li l-appellant kien impjegat bhala driver, ma jidhirx li kien hemm kuntratt tas-Servizz bil-

/.....

miktub bejn l-appellant u l-principal, u li ma kienetx tezisti sistema dwar tqassim tax-xoghol, u l-hlas tal-pagi dwar hinijiet tax-xoghol, kif jithallas l-overtime u dwar leave bi hlas.

Is-sistema bejn haddiem u min ihaddem fir-relazzjonijiet industrijali kienet wahda zoppa u l-principal kellu attitudni paternalistika.

Il-principal kien lest jaghti l-kastig estrem tat-tkeccija u twissijiet qatt ma saru la bil-fomm u l-anqas bil-miktub. L-appellant tkecca fuq incident li zgur ma kienx jimmerita l-kastig estrem tat-tkeccija.

Ghaldaqshekk l-appellant jitlob bir-rispett kollu lit-Tribunal isib favur tieghu u kontra li Speedy-Rent-A-Car Ltd. u jissottometti li Speedy-Rent-A-Car Ltd:

(1) Ghandu jigi kkundannat li temm l-impieg bla raguni valida;

(2) jerga' jiehu fl-impieg tieghu lill-appellant, fix-xoghol li kien jahdem; bhala driver; minghajr ebda telf fis-servizz;

(3) il-perijodu tat-tkeccija ghandu jitqies bhala sospensjoni bil-paga u li din il-paga u dak kollu li huwa dritt tal-impjegat dan ghandu jiehdu;

(4) irid jithallas is-sehem tieghu tal-bolli tas-Sigurta' Nazzjonali ghal tul il-perijodu tas-sospensjoni;

(5) ihallas lill-impjegat bhala kumpens morali, socjali u bhala kastig tal-imgieba hazina tieghu bhala Principal is-somma ta' ŁM180 darba biss.

/.....

4. Statement of Case

Speedy Rent-A-Car Ltd.

Is-Sur F. Amato Gauci qal li l-appellant beda jahdem ma' Speedy Rent-A-Car Ltd. fis-6 ta' Lulju 1980, bhala driver.

Matul l-ghaxar xhur li dam jahdem ma din l-azjenda, Dimech kien imdahhal f'zewg incidenti li ghalihom gie mwissi serjament mid-diretturi tal-kumpanija. L-incidenti setghu sfaw ta' dannu ghall-kumpanija, aktar milli attwalment ikkagunaw kieku ma kienx li d-diretturi hadu certi passi u rimedji.

Barra dawn l-incidenti d-diretturi hadu pacenzja b'Dimech b'hafna nuqqasijiet minn naha tieghu u fid-9 ta' Mejju 1981 Dimech wera bic-car li ma kienx obda l-ordnijiet tas-superjuri tieghu,li ma kienx qieghed jiehu hsieb il-proprjeta tal-kumpanija, naqas mir-rispett lejn id-direttur tal-kumpanija u li ma kienx jibza ghall-postu.

Minhabba incident li nqala' dak in-nhar, Dimech gie mkecci minghajr avviz u dan ghal raguni gusta u sufficjenti.

5. Lista ta' Dokumenti Sottomessi

Dok.3 Rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Speedy Rent-A-Car Ltd li tawtorizza lis-Sur Constantino Balzan wiehed mid-Diretturi, biex jirrapprezenta lill-Kumpanija quddiem it-Tribunal Industrijali.

Dok.4 Photocopy ta' certifikat mahrug mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li juri l-ammont ta' ghajnuna li s-Sur Dimech beda jircievi mill-istess Dipartiment (Datat 11.8.81).

/.....

Dok.5 Photocopy - estratt mill-Miklem Malti dwar spjegazzjoni ghall-kelma "Kastig" li ntuzat fli statement of case tas-Sur Dimech.

Dok.6 Photocopy ta' chits ta' vjaggi bid-data tat-23 ta' Marzu 1981.

Dok.7 Photocopy li turi hinijiet mahduma bejn 23 u 28 ta' Marzu 1981 minn J. Dimech, izda muri Willie Dimech u l-ammont ta' paga ta' dik il-gimgha.

Dok.8 Statement ta' pagi li thallsu lil Dimech. Dan kien juri pagi Gross.

Dok.9 Statement ta' pagi bhal Dok.8 imma juri gross u net.

Dok.10 A B C D E Wages Sheets ta' mpjegati mal-Kumpanija.

6. Instemghu dawn ix-xhieda:

Ghall-appellant

Is-Sur Alfred Farrugia (Impjegat ma' Messrs Cassar & Cooper)
Is-Sur Tony Chircop (Mechanic mal-Kumpanija)

Imsejjah mit-Tribunal

Is-Sur Oreste Sammut (Registration Officer fid-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni)

Ghall-Kumpanija

Is-Sur Constantino Balzan (Direttur Speedy Rent-A-Car Ltd)
Is-Sur Frederick Camilleri (Skrivan ma Speedy Rent-A-Car Ltd)
Is-Sur F. Deguara (ex Driver ta' Speedy Rent-A-Car Ltd)
Is-Sur Michael Balzan (Direttur Speedy Rent-A-Car Ltd.)

/.....

6 Xhieda fil-qosor

L-appellant is-Sur Dimech qal li meta mpjega ruhu mal-kumpanija Speedy Rent-A-Car Ltd. ghadda minn hdejn il-garage taghhom, talabhom ix-xoghol bhala driver, qalulu biex jghaddi xi jiem wara, u meta rega' mar tawh ix-xoghol bhala driver.

Kuntratt ma ghamilx u gie moghti l-minimum wage, pero' kien jaghmel l-overtime. Qal ukoll li darba s-Sur Michael Balzan ordnalu jwassal xi nies mid-Dragonara Hotel ghall-airport. Mar sab sitta minn nies lebsin pulit, barra l-Hotel u hadhom l-airport. Wara sar jaf li ma kienux in-nies li kellu jwassal.

Fuq dan l-incident gie mitlub jaghmel apologija. Dan sar billi giet ittajpjata ittra li hu kien iffirma, Mas-Sur M. Balzan marru l-Mellieha Holiday Centre u s-Sur M Balzan dahal hemm u ta din l-ittra lil xi hadd hemm gew. Kopja tal-ittra ma kienx hemm ghand li Speedy Rent-A-Car Ltd.

Dimech qal li l-ewwel darba li tkecca kien ghax mar il-Labour Office u ghamel complaint mas-Sur Sammut dwar il-hinijiet li kien jahdem. Kellu ncident iehor fejn wara li wassal xi turisti l-Kursaal fil-ghaxija (4 ta' April) u kellu jmur jigborhom izjed tard naqas li jaghmel dan ghax qal li mar jistrieh id-dar u baqa' rieqed.

Filghodu qal lis-Sur Balzan u offra li jhallas l-ispejjez tat-taxi li kienu hallsu t-turisti li kienu jammontaw ghal £M7 pero' ma jiftakarx li hallashom.

Cahad ukoll li wara xi zmien kien mar ghal xi xoghol l-airport u kien daqsxejn xurban.

Fil-kontroezami Dimech qal li hu kien suldat fl-Army, kien ukoll Driver u spicca mill-Army imhabba xi ugiegh li kien ihoss

/.....

f'daharu. Kellu esperjenza fis-sewqan, u fl-Army ir-regola hi li kuljum isir check taz-zejt, l-ilma tal-batterija u l-ilma tar-Radiator.

Qal ukoll li ma hemmx ghalfejn isir check taz-zejt kuljum, ghax iz-zejt ma jinheliex paqq pum. (Seduta 20.11.81)page 21). Pero' kien jiccekkja z-zejt flok filghodu; qabel jiba; malli jkollu cans. Jaqbel pero' li driver ghandu jaghmel checks kuljum.

Meta gie nvalidat mill-Army tawh penzjoni ta' £M23.85,0 fix-xahar.

Ir-raguni tat-tkeccija tieghu kienet li meta gie mitlub biex jiccekkja z-zejt wara li dahal mill-leave wara gimghatejn deherlu li ma kellux jaghmel hekk ghax hass li fl-assenza tieghu kien talab li l-Mini Bus jigi ccekkjat,,saqu haddiehor u hass li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk. Imbaghad tlewwem bil-kliem mas-Sur Constantino u dan ta' l-ahhar qallu biex jitlaq minn fuq ix-xoghol u t-Tnejn imur jigbor il-ktieb tax-xoghol.

(ii) Is-Sur Alfred Farrugia xehed ghall-appellant u qal li hu jahdem ma Agenzija tal-Vapuri u ghandhom x'jaqsmu mal-crews tal-Oil Rigs.

Kienu jinqdew bit-trasport ta' Speedy Rent-A-Car u kien jaf lis-Sur Dimech ghax dan kien jahdem ta' driver mal-kumpanija Speedy Rent-A-Car.

Il-hinijiet tat-trips kienu mbarazzanti kultant u ghaldaqshekk kien jistaqsi lil Garage min kien ser jaghmel it-trip.

Qatt ma gie mitlub mis-Sur Dimech biex icempillu, izda kien jaghmel dan billi jiftiehem mal-principal (is-Sur Balzan) biex ix-xhud imbaghad icempel id-dar ta' Dimech biex jaghtih

/.....

il-hin li fih ghandu jmur ghat-trip ghax il-vapuri ghal raguni jew ohra kienu jvarjaw il-wasla taghhom imhabba xi maltemp.

Dimech qatt ma qallu biex icempillu d-dar biex it-trip isir bla ma jkun jaf is-Sur Balzan u qatt ma kellu kazi li fihom il-garr tal-crews ma sarx ghax Dimech jew xi driver iehor ma jigux ghat-trip.

(iii) Is-Sur Contantino Balzan qal li hu u huh Michael imexxu l-kumpanija Speedy Rent-A-Car Ltd. u maghhom hemm direttur iehor. F'Mejju, zmien it-tkeccija ta' Dimech kellhom bejn 10 jew 11 impjegat iehor. Kellhom maghhom nies jahdmu li ilhom 25 sena, tnax (12), hdax (11), hames (5) snin u min kien ilu sena (1).

Dimech fil-jum tal-incident tat-tkeccija gie mwassal il-garage bil-van tal-kumpanija ghax il-Mini Bus ma kienetx ghandu. Tah il-karta tax-xoghol, kien ser imur il-Mistra Village, dahal fil-van, startja, u kien ser jitlaq. Staqsih rax iz-zejt u l-appellant qallu li ma kienx hemm bzonn u meta x-xhud qallu ghaliex, dan wiegbu li gimgha qabel tawh service. Ix-xhud rega' qallu li allura i'gimgha ma kienx iccekkjah iz-zejt. L-appellant rega' qallu li jekk il-van jonqsu z-zejt tixghel il-bozza safra.
Seduta 27.11.81 Page 14.

L-appellant deher li ma riedx jiccekkja z-zejt u qal lix-xhud biex jiccekkjah hu. Dan ghamel hekk u sabu tliet kwarti nieqes. F'dan il-waqt komplew jargumentaw.

Il-Mini Bus li kien isuq l-appellant kien gie mixtri f'Awissu 1980 madwar xahar wara li beda jahdem mal-kumpanija l-appellant u x-xhud qal li sewa madwar £M5000. Kien qal lil Dimech li

/.....

l-Mini Bus kien ser ikun f'idejh u qallu biex jiccekkjah ghaz-zejt, ilma u batterija u jżommu ndif. Il-maintenance tal-vetturi jaghmluha bin-nies taghhom stess ghax kellhom maghhom mechanic ukoll.

Is-Sur Contantino tkellem dwar l-incident meta Dimech naqas li jwassal il-pilots mid-Dragonara Hotel ghall-airport u dawn kellhom imorru b'van u ttardjaw ma taru hmistax jew ghoxrin minuta.

Meta jkun xoghol importanti, jaghtu chit lid-driver u jiktbulu l-isem by 2, per ezempju kif ukoll l-isem tal-lukanda jew lukandi biex jekk jitqassmu bil-Mini Bus ma jsirx tfixkil. Dan isir l-aktar ghall-arrivals u d-departures. Fil-kaz ta' Dimech jahseb li kienu tawh chit filghaxija dwar it-trip li m'ghamilx u kienu tawh il-Mini Bus ukoll.

Meta gie muri photostats ta' chits li pprezenta s-Sur Matrenza, Dokument 7 ix-xhud ikkonfermahom imma qal li fihom hemm xi zieda li mhix tieghu jew ta' huh (iz-zieda kienet turi xi hinijiet). L-apologija dwar l-incident giet imwassla l-Mellieha Holiday Centre minn hu Michael. Fuq dan l-incident kien wissa lill-appellant biex ma jigrix kaz iehor u ghidtlu li "stajna tlifna wiehed mill-kuntratti principali taghna."

Fl-4 t'April kellna trip li jghidulu tal-Casino u nigbru t-turisti mill-Hotels u nwassluhom id-Dragonara. Dan ikun fil-ghaxija u wara ghal xi nofs-il-lejl nieqes kwart nehduhom lura. Dak in-nhar in-nies li hadna, l-appellant ma regax mar ghalihom u kellhom imorru b'taxi. Dimech meta kellimtu qalli li kien qed jara t-television u raqad. Fuq dan ergajt wissejtu u ghidtlu li dan jien ma nistax nittollerah, ghax jekk jerga' jsir, nista' nitlef kuntratt iehor, ghax dawn kienu jaghtuna tours kontinwament.

/.....

Fl-opinjoni tax-xhud, il-Mini Bus li kien isuq Dimech kien traskurat fis-sens ta' hasil u kien jghid li jhallas il-mara biex tahsilulu u r-roti kien jghid li ma jahsilhomx ghax jergghu jithammgu.

L-appellant kellu permess biex jiehu l-Mini Bus hdejn daru filghaxija mhabba t-trip li kien jaghmel mal-lejl u meta ma kienx ikun ghandu konna ngibuh mid-dar filghodu b'karrozza taghna.

Mid-dar ta' Dimech ghal garage hemm distanza ta' xi zewg mili u lilu biss konna nigbru mid-dar bil-karrozza taghna.

Personalment ix-xhud qal li ha hafna pacenzja bl-appellant, kien jirrifjuta li jaghmel trips mill-Mellieha Holiday Centre u anke trips bl-Imhallfin. Kien ihobb jargumenta u gie li kellem lill-mara tieghu, (tal-appellant) biex tfehmu hi.

Is-Sur Constantino Balzan qal li kien ukoll jiehu pacenzja bid-drivers l-ohra wkoll, ghax dawn ikollhom il-vetturi f'idejhom u jistghu jaghmlu xi vendikazzjoni, kien juza maghhom certa tattika ghax jistghu bi traskuragni, jaharqu clutch, jaghmlu hsara fil-gear box u xi drabi fir-Radiators, imma dwar l-appellant qal li dan qatt ma ghamel xi hsarat bi traskuragni.

Ix-xhud qal ukoll li d-drivers tieghu kienu jaqilghu bejn £M5 u £M7 liri tips fil-gimgha ghax personalment gie li hareg bi trips hu u tawh it-tips, ghad li kien Direttur hu kien jaghmel kull xoghol, bhal nibdel tyre u jaghti l-petrol.

Fil-kontro-ezami mis-Sur Matrenza, is-Sur C. Balzan fuq procedura ta' dixxiplina qal li hu jhoss li meta jghajjat privatament lil xi hadd, fl-ufficcju u jwissih fuq xi nuqqas u li ma ghandux jerga' jaghmlu, dan ghalih hi twissija bizzejjed. Sistema ta' warnings miktuba ma kellhomx. Fil-kaz tas-Sur Dimech gie li

/.....

wissejnih jien u hija, jew jien u jkun hemm l-iskrivan u xi drabi wahdu.

Bejn Jannar u Mejju 1981 kellu twissija dwar in-nies li halla l-Casino u gie mwissi li jekk jerga' jaghmel hekk ikollu jkeccieh.

Multi ma jwahhlux u fil-kaz tal-Casino ghad li Dimech offra li jhallas is-Sur Constantino ma wahhlux multa. Fuq mistoqsija tat-Tribunal, ix-xhud qal li barra l-Mini Bus kien isuq ukoll taxi. Dan kien jaghmlu meta jispicca xoghol bil-Mini Bus kmieni u jmur ghall-imhallfin u kien jaghmlu b'hafna tgergir.

Hanwhekk is-Sur Balzan ipprezenta c-Cheque originali li kien thallas lis-Sur Dimech ghas-somma ta' £M244.99,0. Dan ic-cheque kien ghall-perijodu Week/Ending 29.3.81 sal-Week/Ending 10.5.81. In-numru tac-Cheque kien No. H/863/211 C 22574086 u ma giex dokumentat ghax kien l-original bil-firma wara tas-Sur Dimech li kien gibed il-flus mill-Bank fil-25 ta' Mejju 1981.

Meta Dimech gie mpjegat ma sarx ftehim bil-miktub, imma kien jaf li hu kien driver mas-servizz u kien isuq trakkijiet, qallu jaghmel xahar próva, kien zmien is-sajf, l-aqwa tat-turizmu, u wara xahar tara kif inkun hallastek u niltaqghu u nikkonfermaw. Dan speci ta' kuntratt.

(iv) <u>Is-Sur Oreste Sammut</u>. Dan ix-xhud gie msejjah mit-Tribunal ghax kien imsemmi fl-ittra li l-appellant baghat lill-Ministru tax-Xoghol dwar il-kaz tieghu.

Ix-xhud qal li l-appellant mar ghandu biex jirregistra u hu kien qallu li l-kaz tieghu li jerga' jmur ghax-xoghol u mhux jirregistra.

/.....

Fil-fatt huwa cempel lil Speedy Rent-A-Car Ltd. u wara li spjegalhom il-ligi u li ma jistax ikeccieh u meta sema dan accetta li jerga' jiehdu lura. Lill-appellant ghidtlu biex imur lura u jinsa dan l-incident.

Wara xi zmien rega' gie quddiemu l-appellant u qallu li rega' keccieh u qallu li kienu baqghu daqsxejn diponta flimkien. Rega' cempel lill-employer (Speedy Rent-A-Car) u ma tahx spjegazzjoni tat-tkeccija ghad li qallu li kien hallielu l-van bla zejt.

L-Employer kellu jigi jkellimni, darba qalli li ma setax jigi, stennieh u baqa' ma giex minkejja li kien rega' cempillu u hallielu risposta li x-xhud kien ghadu jistennieh.

Is-Sur Sammut qal li hu officer in charge of Investigations fuq ir-registrations tal-irgiel u ghad li mhux konciljatur jipprova f'xi kazi jkellem l-employer biex forsi jirranga xi kaz.

Fuq l-ewwel tkeccija tal-appellant ma jiftakarx x'kienet ir-raguni.

Fuq mistoqsija tas-Sur Matrenza ix-xhud ftakar li l-ewwel darba li kien mar ghandu l-appellant kien fuq il-hinijiet twal li kien ihaddmu l-employer u qal li kien gab karti bil-hinijiet li hadem u s-Sur Sammut baghtu ghand l-Enforcement Section forsi ghand is-Sur Desira.

Ix-xhud qal li mas-Sur Balzan kien tkellem ukoll dwar il-hinijiet twal li kien qieghed jahdem Dimech u s-Sur Balzan qallu "Thabbilx rasek nirrangaw bejnietna (Seduta 18/12/81 Page 11).

Ir-raguni li ghaliha mar jirregistra l-ewwel darba l-appellant ma kienx jiftakar fuqhiex kienet.

/.....

(v) Is-Sur Tony Chircop Mechanic ma Speedy Rent-A-Car imtella' mill-appellant.

Kien ilu sentejn jahdem mal-kumpanija u kien ilu jahdem mechanic bejn sitta u seba' snin.

Sab l-impieg permezz tal-Labour Office u mar ikellem lis-Sur France Balzan u kien hemm ukoll is-Sur Constantino. Qaluli li naghmel gimgha u wara baqa' jahdem, tawh paga, hinijiet imma ftehim miktub ma kellux.

Huwa kien isewwi il-hsarat li jinqalghu fuq il-karrozzi tal-kumpanija, anke jaqla' xi magna. Ix-xoghol li jkun hemm bzonn li jsir kien jghidlu bih is-Sur France Balzan.

Records tal-maintenance jew tiswijiet hu bhala mechanic ma kienx izomm, u ma jafx jekk xi hadd iehor fl-ufficcju izommx, jista' jkun u jista' le.

Il-kumpanija ghandha tliet Mini Buses u ghandhom xufiera ghalihom. Biex jaghmlu xi tiswijiet wara li jghidulhom ix-xufiera, jghidu lis-Sur Constantino. Dwar bzonn ta' zejt kienu jghidulu x-xufiera u kien jaghtihom iz-zejt.

Il-Mini Bus li kien isuq l-appellant qatt ma kellu complaint dwar il-magna u jaf li darba Dimech kien qallu biex ibiddillu z-zejt u l-oil filter. Meta biddiltu z-zejt u l-filter kien rah is-Sur Michael Balzan. Jaf li l-Mini Bus s'issa ilu madwar sena u kemm ilu nieqes Dimech qatt ma ghamel xoghol fuqu u fi zmien Dimech kienu ghamlu setting fil-brejkijiet.

(vi) Is-Sur Frederick Camilleri skrivan ma Speedy Rent-A-Car Ltd. Ix-xhud qal li ilu jahdem mal-kumpanija sentejn, u kien prezenti fid-9 ta' Mejju meta s-Sur Lino Balzan kellu xi kwistjoni mas-Sur Dimech. Ikkonferma dak li xehed is-Sur Balzan dwar il-kwistjoni tac-cekkjar.

/.....

Ghal mistoqsija tat-Tribunal, ix-xhud qal li kien hemm argument bil-kliem, imma s-Sur Dimech ma kienx aggressiv, argumentaw b'ilsienhom jigifieri (Seduta 18/12/81 pagna 44). Waqt li kien bil-leave Dimech, ftit gie wzat il-Mini Bus li jsuq hu, u kien sarlu service.

Xehed ukoll bhas-Sur Balzan dwar xi ncidenti li kellu Dimech. Kien hu li ttajpja l-apologija lil Mellieha Holiday Centre, imma bejn dan l-incident u l-apologija s-Sur Dimech kien twaqqaf mill-impieg u rega' dahal wara intervent tas-Sur Sammut mill-Labour Office u rega' beda jahdem.

Ftakar ghax kien ittajpja l-apologija hu li kien fiha li Dimech jiskuza ruhu talli dawn in-nies ma gabarhomx u talli qajjem din l-inkonvenjenza ghal Mellieha Holiday Centre.

Ir-regola tal-iccekkjar kien jafha kull xufier u kull min jidhol gdid, l-imghallem kien jghidlu biex il-karrozza jiehu hsieba u jiccekkja z-zejt u l-ilma, u li tkun nadifa kull filghodu. Fil-kontro-ezami ix-xhud qal li ghandu 19-il sena u dahal jahdem ma Speedy Rent-A-Car wara li qallu huh, li jahdem hemm ukoll. Qal li l-kuntratti tax-xoghol jiffirmahom is-Sur Constantino Balzan u tieghu wkoll gie ffirmat minn dan is-Sinjur. Ta' Dimech gie wkoll iffirmat mis-Sur C. Balzan.

Ir-records tal-kuntratti tax-xoghol tal-haddiema izommhom is-Sur Balzan u l-kuntratt ta' Dimech rah ghax hu jkun hemm il-hin kollu (Seduta 18/12/81 Pagna 53).

Ix-xoghol jinghata fuq chits, mhux bil-letterhead tal-kumpanija, u wara li jsir ix-xoghol, ix-xhud jiktbu fuq day book biex izomm record tal-kirjiet.

Dwar it-trip li ma ghamilx Dimech ma zammewx record, la t-trip ma sarx.

/.....

Il-kuntratt tax-xoghol tieghu personali qal li rah u ffirmah u ta' Dimech rajthom jitkellmu fuq il-mejda magenb tieghi, jitkellmu fuq il-kuntratt.

(vii) Is-Sur Francis Deguara ex-impjegat ma' Speedy Rent-A-Car Ltd.

Xhud migjub mill-Kumpanija qal li dam jahdem sa Awissu 1981 u tleaq ghax xtara Private minn ghand li Speedy u beda jahdem ghal rasu, kien ilu jahdem mal-Kumpanija madwar ghoxrin xahar.

Xehed li kienu jtuhom karti b'kitba fejn imorru ghax-xoghol, kien isuq Private Bus. Dwar hinijiet tax-xoghol ta' Dimech qal li ma kienx jista' jghid ghax hu kien driver bil-Coach u Dimech kien isuq mini bus. Biss kien cert li Dimech kien imur jistrieh wara nofs in-nhar sal-erba' jew il-hamsa, ghax ix-xhud kien jaghmel substitute ta' Dimech meta dan kien imur jistrieh.

Il-paga qatt ma talabha imma meta kien ifalli jiehu l-paga meta jmur lura ghax-xoghol. Dwar l-attitudni ta' Dimech fuq ix-xoghol ix-xhud qal li kien jitlób ix-xoghol u hu kien qallu biex ma jahdimx hafna ghax jghejja. Fil-fatt hekk gara ghax wara beda jitlob biex jistrieh. Meta kien jitlob xi xoghol dan kien jitolbu ghal filghaxija u jahseb li r-raguni kienet ghax Dimech kien jghid li jiehu pjacir jahdem bil-lejl. Mistoqsi dwar kundizzjonijiet qal li bhala coach driver ma jistax ikollu kundizzjonijiet. Kont ftehemt biex jaghtini paga ta' £M38 fil-gimgha meta jahdem filghaxija kien extra. Meta kont nahdem il-Hadd, dan kien hlas extra u gie li hadem 60 siegha f'gimgha fis-sajf u 20 siegha fil-gimgha fix-Xitwa. Gie li hadem ma l-imhallfin u dan kien ikun bejn erba' jew darba f'xahar. Bil-Coach kien jaqla' t-tips, ma' l-imhallfin ma kienx jaqla' tips.

/.....

(viii) <u>Is-Sur Michael Balzan</u> Direttur ta' Speedy Rent-A-Car Ltd. Dan kien l-ahhar xhud u kkonferma l-incident ta' Dimech, l-apologija li saret dwar dan u qal ukoll li hu fuq dan l-incident kien kecca lil Dimech, imma wara l-apologija rega' haddmu.

Is-Sur Balzan kien jiehu hsieb il-kuntratti tal-kumpanija. Xehed ukoll dwar zewg trips li Dimech ma kienx ghamel bit-turisti wara li kien hadhom il-Casino u naqas li jehodhom lura. Dwar twissijiet qal li kien wissa lil Dimech kemm hu kif ukoll huh, fuq ir-rapport li sar minn xi Courier dwar li Dimech kien jidher xurban meta kien mar ghal trip mill-airport qal li Dimech it-trip kien ghamlu minkejja li l-courier cemplet li kien xurban.

8. <u>Final submissions</u>

Ghall-appellant is-Sur Matrenza qal li Dimech ma kienx jisthoqqlu l-kastig estrem tat-tkeccija u l-principal ma kienx segwa kif titlob il-ligi tax-xoghol, sistema dwar l-impieg, hlas ta' pagi, kif u meta jsir (3) hinijiet tax-xoghol.

Il-principal seta' ha l-parir tad-Dipartiment tax-Xoghol qabel ha l-pass tat-tkeccija u ma ezawriex il-mizuri kollha ta' tbezbiz ghan-nuqqasijiet ta' Dimech.

Ghaldaqstant qed jitlob lit-Tribunal biex kif sar fli Statement of Case isib favur il-haddiem.

<u>Ghal 'Speedy Rent-A-Car Ltd.'</u>

Moqri mis-Sur F. Amato Gauci. L-appellant pogga l-kaz tieghu fuq tliet punti :

/.....

(a) Li l-kumpanija kienet 'bad employer';

(b) Li fil-kaz tal-appellant ma kienx hemm raguni valida ghal tkeccija;

(c) Li tkeccija saret minghajr ma qabel kien hemm twissijiet.

Dawn il-punti gew ribattuti ghax kien hemm xhieda li l-appellant kien difficli jargumenta u evasiv u l-kumpanija hadet hafna pacenzja u fejn setghet anke ma kienetx tibghatu l-Mellieha jew ghall-imhallfin.

Kien ihobb jahdem night work u kellu break imhabba f'hekk mis-1.00p.m. sal-5.00p.m. b'xi eccezzjoni. Il-Mini Bus kien jiehdu hdejn id-dar bil-lejl u meta dan ma kienx il-kaz, il-kumpanija kienet tibghatlu transport. Anki kien izur lill-missieru r-Rabat bil-Mini Bus a spejjez tal-Kumpanija.

Kellu paga tajba, inkluz overtime u kien jaqla' tips ukoll. Il-Mini bus ma kienx izommu nadif u matul l-ghaxar xhur li kien mal-kumpanija kellu hames incidenti serji li setghu giebu telf fil-business tal-kumpanija.

Xi 7 gimghat qabel temm l-impieg kien naqas li jigbor aircrew mill-lukanda Dragonara u ta' dan tkecca, imma sar intervent mill-Labour Office, rega' gie accettat u saret apologija lill-Mellieha Holiday Centre.

F'incident iehor naqas li jigbor nies tard bil-lejl wara li kien wassalhom il-Casino u l-kumpanija kellha thallas xi spejjez ta' dan in-nuqqas. Ftit wara kellu ncident simili u hareg bil-lejl is-Sur M Balzan biex jigbor il-klijenti. Fl-ahhar incident fid-9 ta' Mejju irrifjuta li jiccekkja z-zejt, l-ilma u l-batterija tal-Mini Bus. Dan sar mis-Sur C. Balzan li sab iz-zejt nieqes, argumenta hafna mas-Sur Balzan u deher car li ma kienx jobdi l-ordni biex jaghmel l-iccekkjar kuljum taz-zejt

/.....

ilma u batterija.

Huwa tkecca fuq dan l-incident ghax il-kumpanija hasset li ma setax jiffittja aktar fil-kumpanija u ma setghetx tafdalu l-prorpjeta taghha f'idejh.

9. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal wara li sema' li statements of case, il-final submissions u x-xhieda nnota li kien hemm xhieda li dehret li ma qablitx ma dak li ntqal minn xi partijiet l-aktar fejn giet imwiegba l-mistoqsija dwar jekk l-appellant kellux kuntratt tax-Xoghol.

Is-Sur Constantino Balzan qal li ma kienx hemm kuntratt tax-Xoghol, hlief ftehim bil-fomm. Is-Sur Deguara ex Driver mal-kumpanija qal li kellu ftehim bil-fomm. Is-Sur Frederick Camilleri skrivan tal-Kumpanija qal li kien hemm Kuntratt bil-kitba.

Dwar warnings dawn jekk gew moghtija kienu bil-fomm u mhux car jekk sarux quddiem xhud jew le.

Dwar tul ta' zmien biex jithallsu l-pagi li fuqhom Dimech ilmenta deher car mid-dokumenti li pprezentat il-kumpanija dwar il-pagi ta' Dimech li l-appellant kien gie moghti cekk ta' £244.99,0 hlas ta' l-ahhar 7 gimghat li hadem u gie ~~mwaqqaf~~ mkeċċi fil-25 ta' Mejju 1981. Ghaldaqshekk jidher car li tabilhaqq kien hemm dewmien fil-hlas ta' pagi li suppost thallsu kull gimgha tal-inqas b'lura.

L-appellant jidher li ghal zmien twil kien kuntent fuq ix-xoghol u ma kellux inkwiet mal-principal tant li xahar wara li dahal jahdem, il-kumpanija xtrat Mini Buses godda u wiehed minnhom gie fdat f'idejn Dimech sal-ahhar jum li hadem. Dan kien jiswa £M5000

/.....

u biex kumpanija tafda proprjeta' hekk, bilfors li kellha fiducja fl-appellant.

Fi zmien qasir ta' 7 gimghat jidher li r-relazzjonijiet bejn Dimech u l-kumpanija imbidlu bhall-lejl minn nhar u dan kien jahbat il-perijodu li fihom Dimech ma thallasx paga.

L-ewwel incident li ssemma kien dwar trip li l-appellant kellu jaghmel biex jiehu nies (aircrew) mid-Dragonara Hotel ghall-airport u li hu naqas li jaghmel. Dimech xehed li hu wassal nies f'dak il-jum minn hdejn id-Dragonara, imma rrizulta li dawn ma kienux in-nies li supp..t wassal.

Dan sar maghruf mill-kumpanija aktar tard f'dak il-jum meta cempel il-Manager tal-Mellieha Holiday Centre. It-Tribunal jinsab mghaggeb kif incident bhal dan ma giex rekordjat mill-kumpanija, ghax l-anqas id-data ezatta ma setghu juru. F'dan l-incident l-appellant gie mitlub jaghmel apologija li giet ittajpjata mill-kumpanija u ffirmata minnu. Din giet moghtija lil Manager tal-Mellieha Holiday Centre mis-Sur Michael Balzan. Dimech kien mieghu imma ma dahalx gewwa. Din l-apologija giet imqatta', skond ix-xhieda, u kopja taghha ma nzammietx mill-kumpanija. Is-Sur M. Balzan xehed li hu kecca lill-appellant fuq dan l-incident u rega' mpjegah xi jumejn wara meta saret l-apologija. Is-Sur Constantino Balzan ma qalx li Dimech tkecca fuq dan l-incident, imma li gie mwiddeb.

Dwar incident li gara fl-4 t'April meta l-appellant naqas li jaghmel trip bil-lejl ghax qal li baqa' rieqed, hu offra li jhallas l-ispejjez li saru mill-kumpanija u b'daqshekk ammetta t-tort u ried jirrimedja.

Meta l-appellant gie mkecci u mar il-Labour Department, is-Sur Sammut impjegat f'dan id-dipartiment ra li t-tkeccija ma

/.....

kienetx gusta, u meta kellem lill-Employer (is-Sur Constantino dan accetta li jerga' jiehu lura lil Dimech).

Ftit ghadda zmien bejn l-ewwel u t-tieni tkeccija - madwar 7 gimghat u din grat kif intqal mix-xhieda ghax l-appellant ma riedx jaghmel ir-rutina li jiccekkja z-zejt, l-ilma u l-batterija tal-Mini Bus.

L-appellant kien talab gimghatejn leave u gie moghti dan il-leave bil-patt li jekk ikun hemm bzonn jaghjtulu ghax-xoghol, kif fil-fatt gara, ghax skond is-Sur Constantino Balzan, Dimech ghamel claim li f'dal gimghatejn hadem 55 siegha, filwaqt li s-Sur C. Balzan qal li ghamel 33 siegha. L-appellant qalilhom li filwaqt li jkun bil-leave kellhom jaghmlu servicing tal-Mini Bus u skond l-iskrivan Camilleri dan sar. Rega' dahal ghax-xoghol it-Tlieta 5 ta' Mejju u l-incident tat-tkeccija kien is-Sibt 9 ta' Mejju.

It-Tribunal jidhirlu li ghad li Dimech ma riedx jiccekkja z-zejt, meta dan gie ccekkjat u nstab nieqes, jidher car li meta Dimech kien bil-leave, jekk tabilhaqq sar service fuq il-Mini Bus, zgur ma rawlux jew biddlulu z-zejt ghax jekk ghall-grazzja tal-argument it-Tribunal jaccetta li Dimech f'erbat ijiem qatt ma ghamel cekk taz-zejt, zgur li f'dan il-perijodu iz-zejt ma kienx jonqos bi tliet kwarti, kif qal is-Sur Constantino Balzan.

It-Tribunal fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet jara li jekk Dimech kellu nuqqasijiet, bhal ma ghandhom il-bnedmin kollha, min ftit u min hafna, ra wkoll li kumpanija bhal Speedy Rent-A-Car Ltd. ilha mwaqqfa ghal kwart ta' seklu, jista' jkollha procedura ahjar rigward l-impjegati taghha u jekk timxi hekk ma jkollix ghalfejn, jekk tiehu passi dixxiplinarji, tidher quddiem it-Tribunal biex tiddefendi l-agir taghha.

/.....

Kif innota qabel dan it-Tribunal fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, il-bidla fl-imgieba ta' Dimech u l-kumpanija tista' tigi biss spjegata ghall-fatt li haddiem bhal Dimech li ghandu l-familja ma jistax jissaporti li ma jiehux il-paga ghal 7 gimghat la kien qieghed jahdem u naturalment kif jaf ukoll xi dhul kellha l-kumpanija.

Ma harigx quddiem it-Tribunal kemm sar talb minn Dimech biex jinghata l-paga gimgha wara gimgha, minkejja l-fatt li l-incidenti li kellu seta' dahhluh f'qoxortu u forsi staha, imma d-dar ried jiehu xi haga u dawn forsi kienu t-tips li kien jaqla'. Tabilhaqq it-Tribunal ma jafx kif persuna ma tbiddilx l-attitudni taghha ma principal meta dan ghal zmien twil jonqos li jhallas il-pagi. Wara kollox Dimech ried jiffacca kull gimgha lill-martu u zgur li bejniethom seta' kien hemm inkwiet meta jmur id-dar bla paga.

Filwaqt li t-Tribunal ma jaqbilx li haddiem ma ghandux igib rispett lil min ihaddmu, ghandu jkun hemm stima u rispett mill-Principal ukoll, u b'hekk jista' jsaltan is-sliem fil-qasam tax-xoghol.

Ghaldaqshekk it-Tribunal jasal ghal dan l-Award:

1. It-tkeccija ta' Dimech ma kienetx gustifikata imma jhoss li l-appellant ma ghandux jiehu lura l-impieg, kif talab.

2. Speedy Rent-A-Car Ltd. ghandhom ihallsu l-pagi kollha li tilef Dimech bejn id-9 ta' Mejju 1981 sal-ahhar ta' Lulju 1981. Minn dawn ghandhom jitnaqqsu l-flus ta' sehemu tan-National Insurance Contributions.

/.....

3. Il-hlas tal-kontribuzzjonijiet kemm tal-Parti ta' Dimech u kemm tal-Principal ghandhom jithallsu skond il-ligi mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar 1982.

4. Speedy Rent-A-Car Ltd. ghandhom jaghtu wkoll zewg pagi shah lil Dimech (a) gimgha bhala notice money u (b) gimgha bhala hlas ghax-xoghol li ghamel meta kien bil-leave. Minn dawn iz-zewg pagi ma titnaqqasx il-kontribuzzjoni.

5. Il-hlasijiet lil Dimech ghandhom isiru b'cekk sal-ahhar ta' Frar 1982.

6. Ghandu jithallas ukoll il-Bilanc tal-Bonus sa l-ahhar ta' Lulju.

C. ROWE
Chairman

EDW. F. ABELA
A/Segretarju

12 ta' Frar 1982.

em